**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 1**

**Rikors Maħluf Numru 1058/2010 NC**

**Costantino Muscat f'ismu proprju u bħala prokuratur ta' l-assenti Joseph Muscat; Catherine mart Publius Farrugia u b'Digriet tal-15 ta' Novembru 2017 l-atti tal-kawża f'isem Catherine mart Publius Farrugia ġew trasfużi f'isem Publius Farrugia, Joseph Farrugia u Charles Farrugia stante l-mewt tagħha, Peter Camilleri, Ruth mart Brian John Agius, Janelle Camilleri, Giovanna Mizzi u b'Digriet tal-10 ta' Diċembru 2015 l-atti tal-kawża f'isem Giovanna Mizzi ġew trasfużi f'isem Maria Theresa magħrufa bħala Marthese Mizzi stante l-mewt tagħha, Mose' Muscat u b'Digriet tal-31 ta' Lulju 2014 l-atti tal-kawża f'isem Mose' Muscat ġew trasfużi f'isem Costantino Muscat, Costanza Cassar, Giovanna Mizzi, Carmela Muscat Camilleri u Charles Muscat stante l-mewt tiegħu, Mary Anne Muscat bħala eredi ta' zewgha Rosario Muscat, Carmel Muscat, Emanuel Muscat, Costantina sive Connie Cassar, Maria Carmela Muscat; Peter Muscat u b'Digriet tal-14 ta' Ottubru 2014 l-atti tal-kawża f'isem Peter Muscat ġew trasfużi f'isem martu Michelina Muscat u uliedu Carmel Muscat, Catherine Zammit, Martina Bugeja, Angela Sciberras, Alfred Muscat, Anna Griscti u Josephine Saliba stante l-mewt tiegħu; Marguerite Vella f'isimha proprju u bħala prokuratriċi ta' l-assenti Carmen Zerafa, Jose**

**Muscat, Angela Mallia, Rose Buhagiar li b'Nota tal-11 ta' Ottubru 2011 ċediet l-atti tal-kawża, Carmel Muscat, Teresa Muscat li b'Nota tal-11 ta' Ottubru 2011 ċediet l-atti tal-kawża, Grace Saliba f'isimha proprju u bħala prokuratriċi ta' l-assenti Concetta sive Connie Carr li b'Nota tal-11 ta' Ottubru 2011 ċediet l-atti tal-kawża, John Muscat, Frances Bianchi, Carmen Muscat, Antonia Muscat, Catherine Muscat, Joseph Muscat, Josephine Schembri, Emanuela Schembri u Rita Theuma; Publius Farrugia, Mario Farrugia u Joseph Farrugia**

**vs.**

**Nazzareno sive Reno Muscat u Anna Muscat u b'Digriet tat-23 ta' Marzu 2022 Anna Muscat assumiet l-atti f'isem żewġha d-defunt Nazzareno Muscat sive Reno Muscat u b'Digriet tal-1 ta' Diċembru 2011 ġew kjamati in kawża Maria Concetta sive Cettina Carr, Mary Rose sive Rose Buhagiar u Theresa Muscat**

Illum it-tmienja (8) ta' Ġunju 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-atturi (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fid-19 ta' Ottubru 2010 li jgħid hekk:

> *"1) Premess illi l-intimati huma l-uniċi werrieta ta' Emanuel u Victor aħwa Muscat li mietu fit-22 ta' Diċembru 1992 [Dok. NM 1] u 28 ta' Ottubru 1994 [Dok. NM 6] rispettivament, wlied ta' John u Angela miżżewġin Muscat;*
>
> *2) Premess illi l-wirt ta' Emanuel Muscat huwa regolat minn testment datat 9 ta' Diċembru 1992 u ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Remigio Zammit Pace [Dok. NM 2] filwaqt li l-wirt ta' Victor Muscat huwa regolat minn testment datat 9 ta' Diċembru 1992 u ppublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Remigio Zammit Pace [Dok. NM 7];*

*3) Premess illi l-intimat Nazzareno Muscat huwa ukoll wieħed mill-werrieta ta' missieru Francis Muscat li miet fis-27 ta' April 1991 [Dok. NM 15], iben ta' John u Angela miżżewġin Muscat;*

*4) Premess illi Angela Muscat mietet fis-17 ta' Marzu 1974 [Dok. NM 18] filwaqt li żewġha John Muscat miet fil-11 ta' Awwissu 1961 (Dok. NM 21) u kellhom tmint itfal, fosthom Emanuel, Victor u Francis aħwa Muscat;*

*5) Premess illi l-kontendenti għandhom kollha sehem mill-wirt ta' John u Angela miżżewġin Muscat li l-wirt tagħhom huwa regolat minn testment datat 17 ta' Jannar 1957 u ppublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Nicola Said [Dok. NM 24];*

*6) Premess illi John u Angela miżżewġin Muscat kienu wkoll in forza ta' l-imsemmi testment ħallew prelegat favur uliedhom Emanuel, Victor u Giuseppa aħwa Muscat ir-razzett b'ġiardina miegħu li jinsab fil-limiti taz-Żurrieq fit-triq tal-Maċina kontrada Tan-Nigret hekk ukoll imsejjaħ ta' Żitellu;*

*7) Premess illi l-wirt ta' John u Angela miżżewġin Muscat qatt ma nqasam u r-rikorrenti jridu li ssir il-qasma ta' dak kollu li hemm in komun inkluż ir-razzett u ġiardina li kienet tħalliet bi prelegat lil Emanuel, Victor u Giuseppa ahwa Muscat;*

*8) Premess illi l-intimati debitament interpellati sabiex jersqu għall-qasma naqsu u għalhekk kellhom isiru dawn il-proċeduri;*

*Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija meħtieġa skont il-liġi:*

*1. Tillikwida l-assi konjugali ta' John u Angela miżżewġin Muscat.*

*2. Tordna d-diviżjoni tal-assi f'żewġ porzjonijiet ugwali u tassenja waħda lill-assi partikolari ta' John Muscat u l-oħra lill-assi partikolari ta' Angela Muscat.*

*3. Tillikwida l-assi partikolari ta' John Muscat u tiddikjaraha li tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilu assenjata u f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża.*

*4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Angela Muscat u tiddikjaraha tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilha assenjata u f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża.*

*5. Tiddividi l-ġid bejn il-kontendenti skont il-kwota li kull wieħed mill-partijiet jiġi ddikjarat li għandu dritt għaliha.*

*6. Tiddividi r-razzett b'ġiardina miegħu li jinsab fil-limiti taż-Żurrieq fit-triq tal-Maċina kontrada Tan-Nigret hekk ukoll imsejjah ta' Żitellu, bejn l-intimati bħala werrieta ta' Emanuel u Victor aħwa Muscat, u r-rikorrenti bħala l-werrita ta' Giuseppa Muscat u l-werrieta wkoll ta' Francis Muscat, minn liema wirt l-intimat għandu sehem ukoll.*

*7. Tinnomina, jekk ikun hemm bżonn, perit tekniku għal finijiet ta' likwidazzjoni u tħejjija ta' pjan ta' diviżjoni.*

*8. Tinnomina nutar sabiex jirċievi u jippubblika l-att opportun u kuratur għall-eventwali kontumaċi.*

*9. Tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' dak kollu li m'huwiex kommodament diviżibbli, bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti Nazzareno Muscat u Anna Muscat (*a fol.* 128 *et seq.*) ippreżentata fid-19 ta' Novembru 2010 fejn jingħad hekk:

*"1. Preliminarjament, illi mhux minnu li Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr taw l-inkarigu lil Costantino Muscat jew lil Joseph Muscat jew lil xi avukat biex jibgħatu ittra uffiċjali bħal dik tal-21 ta' Ottubru 2010 jew biex jiftħu kawża kontra l-esponent Nazzareno Muscat – u dan kif jirriżulta mill-annessi tliet (3) dikjarazzjonijiet magħmula mill-*

*imsemmija Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr. Għalhekk, dina l-kawża saret abbużivament u illegalment.*

*2. Preliminarjament, illi l-azzjoni għal-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assi ereditarji ta' John u Angela miżżewġin Muscat li mietu fl-1961 u 1974 rispettivament tinsab preskritta bit-trapass ta' sitta u tletin sena (36), bil-preskrizzjoni ta' għaxar (10) snin ai termini ta' l-Artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet). Fl-1974 l-attur Costantino Muscat kien ġie nkarigat miz-zijiet tiegħu biex jieħu ħsieb is-suċċessjoni tal-ġenituri tagħhom, ċioe' ta' l-imsemmija John u Angela miżżewġin Muscat u kif ukoll ta' binthom prelegatarja Giuseppa Muscat li wkoll mietet fis-sena 1974 bħal ommha Angela, għalhekk għaddew 36 sena.*

*3. Preliminarjament u mingħajr preġudizzju, illi l-ġudizzju mhux integru għaliex tħallew barra diversi persuni:*

*a) L-attur Peter Muscat huwa mejjet;*
*b) L-attur Rosario Muscat huwa mejjet;*
*c) L-atturi Publius Farrugia, Mario Farrugia u Joseph Farrugia kellhom ħuhom ieħor li miet Mikelangelo Farrugia;*
*d) L-attriċi "Catherine mart Publius Farrugia" hija persuna barranija li għandu relazzjoni magħha l-istess Publius Farrugia.*

*4. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, peress li l-kawża odjerna hija għal-likwidazzjoni u diviżjoni ta' eredita' u l-atturi qegħdin jippretendu li huma ko-proprjetarji 'pro indiviso' tal-assi ereditarji, din tolqot intimament l-interessi tal-werrieta ossia ko-proprjetarji kollha tal-assi ereditarji, u għalhekk ikun meħtieġ li jipparteċipaw fil-proċeduri dawk kollha li għandhom sehem mill-imsemmija eredita', altrimenti kull sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tkun monka, in kwantu uħud minn dawk li għandhom sehem u li tħallew barra mill-proċeduri jiġu, b'dawn l-omissjonijiet, iddikjarati li m'għandhomx sehem jew interess fl-imsemmija eredita' u dan skont provvediment mogħti fil-11 ta' Marzu 1998 fil-kawża numru 592/1996 fl-istess ismijiet.*

*5. Illi z-zijiet li kienu għadhom ħajjin wara l-mewt tat-tliet prelegatarji Giuseppa Vittorio u Emmanuele, u ċioe' Carmelo, Francesco, Salvatore, Pietro, Salvina mart Carmelo Farrugia lkoll aħwa Muscat, ħadd minnhom ma kkontesta l-fatt li r-razzett għadda bl-akkrexximent u mbagħad bil-volonta' espressa ta' Vittorio u Emmanuele aħwa Muscat, fuq l-esponenti Nazzareno u Anna miżżewġin Muscat.*

*6. Illi għalhekk l-azzjoni ma tistax titmexxa 'l quddiem.*

*7. Fil-mertu, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jistħoqqilhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra dawk l-atturi li huma responsabbli li mexxew din il-kawża.*

*8. Salv eċċezzjonijiet oħra."*

Rat il-Kontro-Talba Maħlufa tal-konvenuti Nazzareno Muscat u Anna Muscat (*a fol.* 130 *et seq.*) ippreżentata fid-19 ta' Novembru 2010 li tgħid hekk:

*"1. Illi l-atturi ppreżentaw dina l-kawża kontra l-esponenti.*

*2. Illi mhux minnu li Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr taw l-inkarigu lil Costantino Muscat jew lil Joseph Muscat jew lil xi avukat biex jibgħatu ittra uffiċjali bħal dik tal-21 ta' Ottubru 2010 jew biex jiftħu kawża kontra l-esponent Nazzareno Muscat - u dan kif jirriżulta mill-annessi tliet (3) dikjarazzjonijiet magħmula mill-imsemmija Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr.*

*3. Illi Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr irrifjutaw li jkunu involuti f'dina l-kawża kontra l-esponenti Nazzareno u Anna konjuġi Muscat u la aċċettaw li jħallsu u lanqas aċċettaw li jipparteċipaw f'dina l-kawża. Għalhekk, l-ebda waħda minn dawn it-tliet persuni ma tat il-kunsens tagħha biex tkun fost l-atturi f'dina l-kawża.*

*4. Għalhekk, dina l-kawża saret abbużivament u illegalment għad-dannu tagħhom.*

*5. Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(1) Tiddikjara lill-atturi kollha salvi Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr responsabbli għad-danni kawżati lill-esponenti Nazzareno u Anna konjuġi Muscat talli istitwew proċeduri kontra tagħhom b'mod abbużiv u illegali għad-dannu tagħhom.*

*(2) Tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti u li qegħdin isofru l-esponenti konjugi Muscat.*

*(3) Tikkundanna lill-atturi jew min minnhom, ħlief Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr biex iħallsu lill-esponenti in linea ta' danni l-ammont hekk likwidat.*

*(4) Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni ta' l-atturi għas-subizzjoni."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-atturi għall-Kontro-Talba tal-konvenuti Nazzareno Muscat u Anna Muscat (*a fol.* 137 *et seq.*) ippreżentata fid-9 ta' Diċembru 2010 fejn jingħad hekk

*"1. Preliminarjament, in-nullita' tat-talba rikonvenzjonali stante li l-konvenuti ri-konvenjenti m'ottemperawx ruħhom mal-artikolu 398 (1) tal-Kap. 12, li jgħid illi "l-konvenut li jkun irid jipproponi r-rikonvenzjoni, għandu jagħmel il-kontro-talba tiegħu fir-risposta bil-miktub għar-rikors ġuramentat".*

*2. Preliminarjament ukoll, in-nullita' tat-talba rikonvenzjonali stante li l-konvenuti ri-konvenjenti m'ottemperawx ruħhom mal-artikolu 398(2) tal-Kap. 12, li jgħid illi "l-konvenut għandu, dwar il-kontro-talba jħares, kemm jista' jkun, ir-regoli stabbiliti b'dan il-Kodiċi jew b'xi liġi oħra għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew". Tant hu hekk, li l-atturi ri-konvenuti ma rrejalizzawx bit-talba ri-konvenzjonali u kien biss meta d-difensur tagħhom eżamina l-atti fl-aħħar mumenti qabel skada t-terminu għar-risposta, li skopra dan id-dokument.*

*3. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-kontro-talba hi waħda minn sensiela ta' proċeduri fivoli u vessatorji*

*intavolati mill-konvenuti ri-konvenjenti biex jiddilungaw l-inevitabbli, u ċioe' li ssir id-diviżjoni mitluba mill-atturi. Diġa kellhom pluralita' ta' pronunzjamenti ġudizzjarji f'dan is-sens. Illi hu ovvju li l-konvenuti ri-konvenjenti la sofrew u lanqas jistgħu qatt jirreklamaw xi danni mingħand l-atturi, u dana peress illi huma mhux biss ma sofrew l-ebda danni iżda l-atturi eżerċitaw jedd spettanti lilhom skont il-ligi, liema jedd huma eżerċitawh mingħajr ebda vessatorjeta' u/jew mala fede. Għalhekk ma huma passibbli għal ebda danni. Jekk hemm xi ħadd li hu passibbli għad-danni, dawn huma l-konvenuti ri-konvenjenti li qegħdin b'mod persistenti jfixklu lill-atturi ri-konvenuti fit-tgawdija tal-proprjeta' tagħhom, u qiegħdin frivolosament jirrifjutaw li jersqu għad-diviżjoni ta' din il-propjeta'.*

*4. Illi l-kontro-talba hi għalhekk mingħajr ebda bażi legali, hi infondata u ġuridikament insostenibbli u għalhekk għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-konvenuti ri-konvenjenti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti ri-konvenjenti u bl-inġunzjoni tagħhom għas-subizzjoni."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat in-Noti ppreżentati minn Rose Buhagiar, Concetta sive Connie Carr u Teresa Muscat fil-11 ta' Ottubru 2011 (*a fol.* 213 *et seq.*), f'liema Noti ċedew l-atti tal-kawża.

Rat id-Digriet mogħti fl-1 ta' Diċembru 2011 (*a fol.* 239 *et seq.*) fejn il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talba sabiex jiġu kjamati fil-kawża Maria Concetta sive Cettina Carr, Mary Rose sive Rose Buhagiar u Theresa Muscat.

Rat illi minkejja li l-kjamati fil-kawża Maria Concetta sive Cettina Carr, Mary Rose sive Rose Buhagiar u Theresa Muscat ġew notifikati bl-Avviż u bir-Rikors Maħluf (*a fol.* 241 *et seq.*) ma ġiet ippreżentata l-ebda Risposta Maħlufa da parte tagħhom.

Rat is-sentenza mogħtija fit-22 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 256 *et seq.*), fejn il-Qorti diversament preseduta ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni ta' Nazzareno u Anna konjuġi Muscat.

Rat is-sentenza mogħtija fit-28 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 419 *et seq.*), fejn il-Qorti diversament preseduta ċaħdet it-tieni eċċezzjoni ta' Nazzareno u Anna konjuġi Muscat.

Rat in-Nota Maħlufa tal-atturi ppreżentata fit-3 ta' Diċembru 2013 (*a fol.* 439) fejn ġew elenkati l-proprjeta' kollha li riedu jinqasmu u l-valuri dikjarati mill-Perit Mario Cassar.

Rat in-Nota Maħlufa tal-konvenuti Nazzareno u Anna konjuġi Muscat ippreżentata fil-31 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 444 *et seq.*) bi tweġiba għan-Nota Maħlufa tal-atturi ppreżentata fit-3 ta' Diċembru 2013.

Rat illi, fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 482), ġie mniżżel, fost l-oħrajn, is-segwenti:

*"Bla preġudizzju għall-kwistjonijiet li hemm bejniethom u li wasslu għal din il-kawża, il-partijiet jaqblu illi r-razzett magħruf bħala 'Ta' Zitellu', Triq il-Maċina, Żurrieq, u l-ġardina li tmiss miegħu, huma entita' waħda u għandhom jitqiesu bħala tali u stmati hekk".*

Rat id-Digriet mogħti fit-28 ta' Ġunju 2016 (*a fol.* 753), fejn il-Qorti diversament preseduta appuntat lill-Perit Mario Cassar bħala perit tekniku sabiex jistħarreġ jekk għandux jaġġorna l-istima oriġinali tenut kont taċ-ċirkostanzi attwali.

Rat illi, fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2016, il-Perit Tekniku Mario Cassar kkonferma bil-ġurament ir-rapport tiegħu (*a fol.* 799 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 850 *et seq.*) ipprezentata mill-atturi fit-3 ta' Lulju 2017.

Rat illi minkejja li, fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2021 (*a fol.* 947), il-Qorti tat żmien lill-konvenuti sabiex jippreżentaw Nota ta'

Sottomissjonijiet baqgħet ma ġiet ippreżentata l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet.

Rat illi, fis-seduta tal-24 ta' Frar 2022 (*a fol.* 957), il-konsulent legali tal-konvenuta nforma lill-Qorti li ma kienx hemm il-ħtieġa li jippreżenta Nota ta' Sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni u li jirrigwardaw din is-sentenza finali.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2012, xehed **Costantino Muscat** (*a fol.* 358 *et seq.*) fejn jikkonferma l-firma tiegħu fuq Dok. "NM 1" (*a fol.* 357) u jgħid li x'aktarx dan huwa kont li nħareġ meta huwa ġabar it-testment tan-nanna tiegħu.

In kontroeżami jgħid li huwa kien qal lil ħuh li huwa kellu parti mill-wirt ta' Giuseppa minħabba li kienet mietet mingħajr testment u li huwa wkoll kien ħa l-pariri tiegħu.

Illi, fid-29 ta' Jannar 2015, ġie ppreżentat affidavit ta' **Costantino Muscat** (*a fol.* 524 *et seq.*) fejn jibda billi jikkonferma l-kontenut tar-Rikors Maħluf. Jgħid li l-konvenut Nazzareno Muscat huwa ħuħ u li bejn l-atturi u l-konvenuti hemm in komun is-segwenti erba' (4) proprjetajiet:

- ir-razzett u l-ġardina magħrufa bħala "Ta' Zitellu", li jinsab iż-Żurrieq;
- il-fond bin-numru 51, Mill Street, Żurrieq;
- il-fond bin-numru 13, Nigret Junction k/m Mill Steet, Żurrieq;
- l-għalqa f'Santa Marija, Bubaqra.

Costantino Muscat jgħid li l-konvenuti Muscat qatt ma oġġezzjonaw li l-aħħar tliet proprjetajiet imsemmija jiġu diviżi jew jinbiegħu u r-rikavat jinqasam skont il-kwoti bejn il-kontendenti kollha fil-kawża għalkemm għal żmien konsiderevoli żammew fil-

pussess esklussiv tagħhom iċ-ċwievet tal-fondi bin-numri 51 u 13 hawn fuq imsemmija. Jispjega li l-oġġezzjoni li tqajmet kienet dwar ir-razzett u ġardina magħrufa bħala "Ta' Zitellu" minħabba li l-konvenuti Muscat kienu jsostnu li l-atturi ma kellhom l-ebda sehem minn dan il-fond. Jgħid li minħabba dan id-diżgwid kellha tinfetaħ kawża sabiex jiġi ddikjarat li huma kellhom parti minn dan ir-razzett u ġardina. Jispjega li din il-kawża ġiet deċiża favur tagħhom u bis-sentenza ġie konfermat li huma l-atturi kellhom sehem indiviż mill-proprjeta' ossia razzett u ġardina magħrufa bħala "Ta' Zitellu", f'Curved Street u li tinsab fiż-Żurrieq, kif ukoll fit-tliet proprjetajiet l-oħra msemmija. Jgħid li l-konvenuti Muscat ma riedux jaċċettaw din is-sentenza b'dana illi filwaqt li huma rrifjutaw li jagħtuhom iċ-ċavetta tar-razzett u l-ġardina, iċ-ċwievet tal-proprjetajiet l-oħra ġew konsenjati lilhom.

Costantino Muscat ikompli jispjega kif huma kienu disposti jkomplu jiddiskutu iżda riedu li n-naħa l-oħra tosserva dak li ġie deċiż fis-sentenza u jagħtu kopja taċ-ċavetta. Wara li baqgħu bla ċavetta, ippreżentaw talba sabiex jinħareġ mandat *in factum*, liema talba ntlaqgħet mill-Qorti u l-konvenuti Muscat ippruvaw iħassru l-mandat iżda ma rnexxilhomx. Eżebixxa kopja tal-provvediment mogħti li ġie mmarkat bħala Dok. "LFS 1" (*a fol.* 528 *et seq.*). Jgħid li wara li ngħata dan il-provvediment, l-atturi ngħataw kopja taċ-ċavetta pero' il-pussess tal-fond xorta nżamm mill-konvenuti Muscat li fiżikament waqqfuhom milli jidħlu. Jispjega li l-konvenuti Muscat fetħu kawża fejn talbu d-diviżjoni tal-erba' proprjetajiet imsemmja u dana meta huma l-atturi qatt ma rrifjutaw li jaqsmu l-proprjeta' miżmuma in komuni. Jixhed li l-kawża msemmija ġiet ċeduta hekk kif kienet waslet lejn l-aħħar. Jgħid x'kienu l-kwoti li l-konvenuti Muscat kienu ddikjaraw bħala spettanti lill-partijiet f'dik il-kawża u li magħhom kienu qablu huma u għadhom jaqblu dwarhom.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2012, xehed **Nazzareno Muscat** (*a fol.* 323 *et seq.*) fejn jispjega li Giovanni u Angela Muscat jiġu n-nanniet tiegħu minn naħa ta' missieru. Isemmi li t-testment tan-nanniet tiegħu kien sar fis-sena 1954 ċirka u li s-suċċessjoni tagħhom kienet f'idejn tlieta mill-aħwa u li waħda minn dawn mietet ftit biss wara li mietet nanntu. Jgħid li meta mietu n-nanniet

kien ħuh Costantino Muscat li għamel l-affarijiet amministrattivi. Eżebixxa kopja tal-kont (Dok. "NM 1" – *a fol.* 357) li kien bagħtlu Costantino Muscat dwar dan il-wirt. Jikkonferma li l-wirt tan-nanniet tiegħu waqa' fuq iz-zijiet tiegħu (żewġ ġuvintur u xebba) Emmanuele, Vittorio u Giuseppa. Jikkonferma li Giuseppa mietet fis-sena 1974 u li parti tar-razzett li wirtet Giuseppa wirtuha ħutha t-tnejn wara mewtha. Jixhed li kemm Emmanuele u Vittorio ħallew lilu bħala eredi tagħhom permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace.

Nazzareno Muscat jixhed li huwa jgħix ma' familtu fir-razzett bil-ġardina li wiret minn għand iz-zijiet u li kien jgħix hemm anke meta kienu ħajjin iz-zijiet u li kien jieħu ħsiebhom. Jispjega l-iter ġudizzjarju li għadda minnu sa issa u jsemmi kif il-Qorti tal-Appell kienet iddeċidiet li l-familjari l-oħra kellhom dritt għal parti mir-razzett. Jispjega wkoll kif fetaħ kawża għad-diviżjoni li wara rtiraha. Mistoqsi jgħid jekk irċieviex ittra ġudizzjarja sabiex tiġi interrotta l-preskrizzjoni, wieġeb li ma rċieva xejn. Jikkonferma wkoll li l-werrieta l-oħra qatt ma daħlu fuqu iżda kellmuh biex jgħidulu li huma għandhom dritt fuq parti mill-wirt pero' huwa dejjem sostna li r-razzett bil-ġardina kien kollu tiegħu. Dwar il-bqija tal-wirt, jgħid li ried jaqsmu minkejja li skont huwa kien għadda z-żmien. Jikkonferma li kull spiża li saret ġewwa r-razzett għamilha huwa.

In <u>kontroeżami</u> jikkonferma li fis-sena 1994 Costantino Muscat u ħutu l-oħra mill-ewwel qalu li għandhom parti mir-razzett. Jikkonferma li l-familjari l-oħra fetħulu kawża fis-sena 1996 li inqatgħet fis-sena 2004 u li minkejja dan huwa ma riedx jagħtihom iċ-ċavetta iżda wara kien kostrett li jagħti kopja taċ-ċavetta. Mistoqsi dwar il-kawża li kien fetaħ huwa għad-diviżjoni tal-proprjeta', jgħid li dik it-talba saret mill-avukat u mhux minnu.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Ġunju 2014, reġa' xehed **Nazzareno Muscat** (*a fol.* 466 *et seq.*) fejn jikkonferma li zijuh Pietro Muscat huwa mejjet kif ukoll Rosario Muscat (ħuħ) u Michaelangelo Farrugia.

Illi, fid-29 ta' Jannar 2015, ġie ppreżentat affidavit ta' **Nazzareno Muscat** (*a fol.* 487) fejn Muscat iddikjara li huwa jaf li permezz ta'

sentenza tal-Qorti tal-Appelll fl-ismijiet **Costantino Muscat et vs. Nazzareno Muscat et** (Numr 592/1996) huwa ġie imġiegħel jagħti kopja taċ-ċavetta tal-fond magħruf bħala "Ta' Zitellu", Curved Street, Żurrieq. Jispjega li wara s-sentenza kienu għaddejjin trattattivi mal-partijiet l-oħra biex issir qasma. Jgħid li hu għandu aktar minn ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) mill-eredita'. Jispjega li ġie mgħarraf mill-avukat tiegħu li l-parti l-oħra kienu ser iqabbdu perit li kien ser imur jara l-post u li fiż-żmien li kien qed jistenna minn għand dan il-perit marru fuq il-post il-Marixxalli tal-Qorti mal-Pulizija u li huwa ġie mgħarraf li huwa u l-mara tiegħu kienu ser jittieħdu l-ħabs għax ma tawx iċ-ċavetta lill-werrieta l-oħra. Jgħid li ċempel lill-avukat tiegħu li mar fuq il-post u l-Marixxal ingħata kopja taċ-ċavetta.

Illi, fid-19 ta' April 2015, ġie ppreżentat affidavit ta' **Nazzareno Muscat** (*a fol.* 688 *et seq.*) fejn, filwaqt li jitkellem fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet li kienu diġa ġew miċħuda minn din il-Qorti diversament preseduta, jispjega kif ħadd mill-ulied tan-nanniet ma' miet qabel il-ġenituri b'mod li dak li taw in-nanniet baqa' għand l-istess ulied individwalment. Isemmi l-klawsola tat-testment tan-nanniet fejn ħallew bħala prelegat ir-razzett lit-tliet ulied Vittorio, Emmanuele u Giuseppa u minħabba li dawn baqgħu ma żżewwġux il-kundizzjonijiet marbuta ma' dak il-prelegat ġew sodisfatti. Jgħid li mal-mewt ta' nanntu, ir-razzett u l-ġardina sar proprjeta' assoluta tat-tliet zijiet f'porzjonijiet ugwali. Jisħaq li mal-mewt taz-zija Giuseppa, sehemha mir-razzett u l-ġardina għadda fuq iż-żewġ ħutha l-oħra prelegatarji u li fir-rigward tal-kumplament tal-assi li l-istess Giuseppa seta' kellha, dan għadda fuq ħutha kollha, inkluż ukoll Vittorio u Emmanuele, peress li mietet xebba u mingħajr testment.

Nazzareno Muscat ikompli jispjega kif meta mietu z-zijiet tiegħu ħutu kellhom żmien suffiċjenti sabiex jimpunjaw it-testment iżda jisħaq li dan qatt ma sar. Jisħaq li ma jafx għalfejn l-eredita' tan-nanniet qatt ma nqasmet u li huwa ma joġġezzjonax li jinqasam dan il-wirt bl-istess mod li huwa ma joġġezzjonax li jinqasam il-wirt ta' missieru. Jiċċara li minħabba li Emmanuele u Vittorio ħallewlu l-għalqa li fuqha hemm mibni r-razzett, dan huwa tiegħu. Eżebixxa t-testmenti ta' Emmanuele Muscat (Dok. "FX 1" – *a fol.* 695 *et seq.*) u

ta' Vittorio Muscat (Dok. "FX 2" – *a fol.* 697 *et seq.*), att tal-11 ta' Diċembru 1993 (Dok. "FX 3" – *a fol.* 699 *et seq.*) u att tal-5 ta' April 1995 (Dok. "FX 4" – *a fol.* 702 *et seq.*).

Jgħid li huwa rreġistra l-proprjeta' fi Triq l-Imdawwra fiż-Żurrieq u eżebixxa l-applikazzjoni u ċ-ċertifikat tat-titolu u kopja tal-Gazzetta tal-Gvern li tikkonferma dan (Dok. "FX 5" sa "FX 11" – *a fol.* 705 *et seq.*). Jgħid ukoll li hu u martu dejjem qablu li ssir id-diviżjoni u dana billi huma jagħtu lill-werrieta l-oħra sehemhom mill-għalqa f'Bubaqra, sehemhom mill-fond bin-numru 51, Triq il-Mitħna, Żurrieq u mill-fond bin-numru 13, Trejqet in-Nigret, Żurrieq. Jispjega li din l-inizjattiva kienet intiża sabiex jintlaħaq ftehim bonarju pero' issa li jinsabu l-Qorti, huma mhux aktar interessati li jirrinunzjaw aktar għas-sehem tagħhom.

Nazzareno Muscat jagħmel riferenza wkoll għal dak li sar minn wara dahru u dahar martu fejn jgħid li Costantino Muscat għall-familja ta' missieru Francesco Muscat, il-kuġin Carmelo Muscat għall-familja ta' missieru Pietru Muscat, il-kuġin Publius Farrugia għall-familja ta' ommu Salvina Muscat, il-kuġin John Muscat għall-familja ta' missieru Salvu Muscat u l-kuġina Tessie Muscat għall-familja ta' missierha Karmenu Muscat kien għamlu dikjarazzjoni fil-31 ta' Jannar 2015 li permezz tagħha qasmu l-għalqa f'Bubaqra u dana mingħajr ma ġie nfurmat minkejja li huwa u martu għandhom l-akbar sehem minnha.

Nazzareno Muscat isemmi wkoll iċ-ċirkostanzi relatati mal-mandat *in factum* li nħareġ kontra tiegħu u jsemmi l-affidavit ta' Anthony Ellul (Dok. "FX 13" – *a fol.* 717 *et seq.*) u l-affidavit tiegħu (Dok. "FX 14" – *a fol.* 719). Eżebixxa l-ispejjeż tal-ħlasijiet li huwa kien għamel dwar id-denuzja tal-proprjetajiet in kwistjoni (Dok. "FX 16" sa "FX 22" – *a fol.* 723 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' April 2014, xehed **Publius Farrugia** (*a fol.* 450 *et seq.*) fejn ikkonferma li ħuħ il-kbir Michelangelo Farrugia, li

miet fis-sena 2001 wara li mietet ommhom, ma kienx miżżewweġ u lanqas kellu tfal.[1]

Illi, fid-29 ta' Jannar 2015, ġie ppreżentat affidavit ta' **Dr. Anthony Ellul (illum Imħallef)** (*a fol.* 488 *et seq.*) fejn spjega li huwa kien l-avukat li kien qed jippatroċinja lil Anna u Nazzareno konjuġi Muscat fil-kawża fl-ismijiet **Costantino Muscat et vs. Nazzareno Muscat et** (Numru 592/1996). Eżebixxa kopja ta' sentenzi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Dok. "AE 2" – *a fol.* 509 *et seq.*) u mill-Qorti tal-Appell (Dok. "AE 1" – *a fol.* 490 *et seq.*) permezz ta' liema sentenzi l-klijenti tiegħu ġew ikkundannati jagħtu ċ-ċavetta tar-razzett u l-ġardina magħrufa bħala "Ta' Zitellu", Curved Street, Żurrieq. Jispjega li wara s-sentenza ta' l-imsemmija kawża, l-avukat tal-atturi kien kiteb sabiex tingħadda ċ-ċavetta tal-post. Eżebixxa numru ta' korrispondenza li ġiet skambjata (Dok. "AE 3" sa "AE 8" – *a fol.* 518 *et seq.*) u jgħid li ċ-ċavetta qatt ma ngħatat. Jispjega kif huwa kien tkellem ma' l-avukat tan-naħa l-oħra sabiex jibgħatu perit sabiex jistma l-proprjeta' bl-intenzjoni li ssir id-diviżjoni tal-wirt. Jixhed li fiż-żmien meta kien mistenni li jmur il-perit sar jaf minn għand l-Avukat Vincent Galea li kien inħareġ mandat *in factum* fuq talba tan-naħa l-oħra li sadanittant kienu biddlu l-avukat tagħhom. Jgħid li l-klijenti tiegħu qatt ma ngħataw smiegħ qabel ma nħareġ il-mandat *in factum* u t-talba sabiex jiġi revokat ġiet miċħuda.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2016, xehed l-**Onorevoli Imħallef Dr. Anthony Ellul** (*a fol.* 737 *et seq.*) fejn ikkonferma li kien għamel l-affidavit immarkat bħala Dok. "FX 13" (*a fol.* 717 *et seq.*).[2]

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2015, xehed l-**Avukat Claude Sapiano** (rappreżentant tar-Reġistratur tal-Artijiet – *a fol.* 672 *et seq.*) fejn ikkonferma li huwa kien jaf bis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell li kien hemm bejn il-partijiet. Jikkonferma li l-uffiċju tar-Reġistratur tal-Artijiet kien parti f'dik il-kawża. Jispjega li l-konvenuti Muscat kienu rreġistraw ir-razzett u l-ġardina f'isimhom

[1] Fis-seduta tat-23 ta' Ġunju 2014 (*a fol.* 453), il-konvenuti aċċettaw li Michelangelo Farrugia kien għażeb, improle, miet intestat u wirtuh ħutu.

[2] Dan l-affidavit huwa identiku għal dak li jinsab *a fol.* 488 *et seq.*.

u wara s-sentenza din ir-reġistrazzjoni tħassret. Jgħid li issa kull min għandu biċċa qed jirreġistra dik il-biċċa.

In kontro-eżami jixhed li l-bidla fir-reġistrazzjoni saret minħabba d-deċiżjoni tal-Qorti.

Illi, fid-19 ta' April 2016, ġie ppreżentat affidavit ta' **Anna Muscat** (*a fol.* 732) fejn ikkonfermat l-affidavit ta' żewġha Nazzareno Muscat (*a fol.* 688 *et seq.*) wara li tgħid li qratu. Tgħid li ma għandha xejn x'iżżid miegħu.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2016, xehed l-**Avukat Vincent Galea** (*a fol.* 739 *et seq.*) fejn ikkonferma li huwa kien jippatroċinja lill-konvenuti konjugi Muscat. Ma jiftakarx id-dettall tal-proċeduri li ġie mistoqsi fuqhom u jispjega li l-kawża li kien fetaħ Nazzareno Muscat kien ħa ħsiebha hu ma' dak iż-żmien l-Avukat illum Imħallef Ellul iżda meta dan ta' l-aħħar laħaq Maġistrat kien inbidel l-avukat. Jispjega li l-kawża ta' diviżjoni ma ġietx ċeduta minnu u jixhed li fil-kawża msemmija kien sar tentattiv ta' diviżjoni u fl-atti hemm l-pjan tal-qasma bil-porzjonijiet.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2016 xehed in-**Nutar Remigio Zammit Pace** (*a fol.* 743 *et seq.*) fejn spjega x'inhuma numru ta' dokumenti li jinsabu mal-affidavit ta' Nazzareno Muscat (*a fol.* 688 *et seq.*) fejn jgħid li l-atti huma tiegħu pero' jispecifika li ċ-ċertifikat ikun ħareġ mir-Reġistru tal-Artijiet wara li saret riċerka f'ismu. Jgħid li huwa kien inkarigat biex jagħmel il-*causa mortis* u sabiex jirreġistra l-art.

In kontro-eżami, għad-domanda: *"il-proprjeta' jew ishma mill-proprjeta' li inti ddikjarat il-causa mortis, għamilthom wara li għamilt ir-riċerki? Jew għamilthom a bażi ta' dikjarazzjoni..?"* (*a fol.* 747), wieġeb li f'*causa mortis* ma jagħmlux riċerki. Jgħid li jimxi ma' dak li jgħidlu l-klijent.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2017, xehed in eskussjoni l-**Perit Mario Cassar** (*a fol.* 834 *et seq.*) fejn meta ġie mistoqsi jgħid jekk ippreżentax id-dokumenti li semma f'paġni 3, 4 u 5 tar-rapport minnu redatt, ikkonferma li ma ppreżentahomx minħabba li huma voluminużi. Obbliga ruħu li jagħmel estratt tal-partijiet rilevanti u

jippreżentahom. Jikkonferma li tmien mija u tletin metri kwadri (830mk) mir-razzett tagħmel parti mill-*Urban Conservation Area* u f'dan ir-rigward jagħmel riferenza għar-rapport li kien ipprepara fil-kawża bin-Numru 704/05. Jikkonferma ukoll li d-*development zone* tinkludi *rationalisation*. Jispjega kif ġew ippublikati zoni jgħidulhom *rationalisation zones* u kif, la darba proprjeta' taqa' taħt *rationalisation zone*, permess ta' żvilupp jinħareġ żgur. Jixhed li ma għandux pjanta ta' kif ser jgħaddu t-toroq minn din l-*area* ta' elf, sitt mija u tletin metri kwadri (1630mk) u allura naqqas ftit il-valutazzjoni tiegħu sabiex jagħmel tajjeb għall-art li ser tiġi użata għal dawn il-bżonnijiet. Jikkonferma li fuq din l-art l-permess ser joħroġ żgur.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawża tirrigwarda diviżjoni ta' proprjeta' li hija in komuni bejn l-atturi u Nazzareno u Anna konjuġi Muscat liema proprjeta' ġejja mill-wirt ta' Giovanni u Angela konjuġi Muscat. Il-konjuġi Giovanni u Angela Muscat kellhom tmien ulied: Giuseppa, Vittorio, Emmanuele, Francesco, Carmelo, Salvatore, Pietro u Salvina.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- Permezz ta' testment (*a fol.* 75 *et seq.*) tas-17 ta' Jannar 1957 fl-atti tan-Nutar Nicola Said, il-konjuġi Giovanni u Angela Muscat iddisponew mill-proprjeta' immobbli tagħhom (li hija l-materja ta' din il-kawża) bil-mod kif isegwi:

    - Fir-Raba' Artikolu tat-testment huma ħallew b'titolu ta' prelegat ir-razzett bil-ġardina miegħu msejjaħ "Ta' Zitellu", fi Triq tal-Maċina kontrada tan-Nigret lill-uliedhom Vittorio, Emmanuele u Giuseppa f'porzjonijiet ugwali bi dritt ta' akrexximent bejn l-istess prelegatarji fil-każ ta' żwieġ jew mewt ta' wieħed mill-prelegatarji qabel il-mewt tat-testaturi. Dan kien jinkludi ukoll il-flus kollha li kien hemm fir-razzett fil-mument tal-mewt tat-testaturi.

- Fis-Sitt Artikolu tat-testment tagħhom huma nnominaw lill-uliedhom kollha bħala eredi universali fi kwoti ndaqs bejniethom.

- Filwaqt li Giovanni Muscat jirriżulta li miet fil-11 ta' Awwissu 1961 (*a fol.* 64), martu Angela Muscat mietet fis-17 ta' Marzu 1974 (*a fol.* 52).

- M'huwiex ikkontestat li Giuseppa, Vittorio u Emmanuele mietu mingħajr ma kienu żżewġu, li ma kellhomx ulied u li kollha kemm huma mietu wara l-ġenituri tagħhom:

    - Giuseppa Muscat mietet fil-11 ta' April 1974 (*a fol.* 38). Hija mietet intestata.

    - Emmanuele Muscat miet fit-22 ta' Diċembru 1992 (*a fol.* 8).

    - Vittorio Muscat miet fit-28 ta' Ottubru 1994 (*a fol.* 24).

- Permezz ta' testment (*a fol.* 25 *et seq.*) tad-9 ta' Diċembru 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace, Vittorio Muscat, li wkoll miet għażeb, innomina bħala eredi tiegħu lin-neputi tiegħu Nazzareno Muscat u l-mara tiegħu Anna Muscat.

- Permezz ta' testment (*a fol.* 9 *et seq.*) tad-9 ta' Diċembru 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace, Emmanuele Muscat, li miet għażeb, innomina bħala eredi tiegħu lin-neputi tiegħu Nazzareno Muscat u l-mara tiegħu Anna Muscat.

- Francesco Muscat, missier Nazzareno Muscat, jirriżulta li miet fis-27 ta' April 1991 (*a fol.* 42).

Illi Nazzareno u Anna konjuġi Muscat dejjem saħqu li huma kienu s-sidien tar-razzett u l-ġardina magħrufa bħala "Ta' Zitellu" waqt li l-atturi, minħabba li Giuseppa Muscat mietet intestata mantnew li huma kien imisshom parti mill-eredita' tagħha. Minħabba li qatt ma ntlaħaq ftehim fuq dan, l-atturi fetħu kawża li ġġib ir-riferenza bin-Numru 592/1996 u l-Qorti tal-Appell tat-raġuni lill-atturi għal

raġunijiet li huma ċarament spjegati fis-sentenza tagħha mogħtija fl-1 ta' Ottubru 2004 (*a fol.* 79 *et seq.*). Kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u kif ukoll il-Qorti tal-Appell iddikjaraw li minħabba li Giuseppa Muscat mietet wara ommha ma setax iseħħ l-akkrexximent a favur ta' ħutha Vittorio u Emmanuele. Għaldaqstant għadda in ġudikat, kif qalet il-Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza, is-segwenti:

> "Jirriżulta għalhekk li l-ewwel Qorti ddeċidiet korrettement fis-sens li l-atturi appellati kellhom sehem mill-proprjeta' kollha imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni u li konsegwentement l-appellanti għandhom l-obbligu li jagħtu ukoll kopja taċ-ċavetta lill-appellati tal-fond fuq imsemmi" (*a fol.* 92).

Illi sussegwentement Nazzareno u Anna konjuġi Muscat intavolaw proċeduri ġudizzjarji fejn talbu sabiex issir id-diviżjoni tal-assi li huma l-mertu tal-kawża odjerna. Jirriżulta li wara ċertu progress il-konjuġi Muscat iddeċidew li jċedu l-imsemmija kawża.

Illi minkejja s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell hawn fuq imsemmija, oriġinarjament Nazzareno u Anna konjuġi Muscat kienu rrifjutaw li jagħtu kopja taċ-ċavetta tar-razzett lill-atturi. Mill-atti jidher li kien hemm tentattivi li l-partijiet jaslu għal xi ftehim iżda jidher ukoll li dan il-ftehim qatt ma ntlaħaq u għalhekk l-atturi kien talbu u kisbu l-ħruġ ta' mandat *in factum* u kien biss ftit qabel ma' dan kien ser jiġi eżegwit li Nazzareno u Anna konjuġi Muscat għaddew kopja taċ-ċavetta tar-razzett lill-atturi. Minkejja li sussegwentement Nazzareno u Anna konjuġi Muscat talbu li l-mandat *in factum* jiġi revokat, din it-talba kienet ġiet miċħuda.

Illi matul is-smiegħ tal-kawża jirriżulta li tlieta mill-atturi Teresa Muscat, Rose Buhagiar u Concetta sive Connie Carr ċedew l-atti tal-kawża fil-11 ta' Ottubru 2011 (*a fol.* 213 *et seq.*) u permezz ta' Digriet mogħti fl-1 ta' Diċembru 2011 (*a fol.* 239 *et seq.*), il-Qorti laqgħet it-talba sabiex jiġu kjamati fil-kawża. Minkejja dan u minkejja li huma ġew notifikati fl-14 ta' Diċembru 2011 (*a fol.* 241 *tergo*), fil-21 ta' Diċembru 2011 huma rrinunzjaw għal sehemhom mill-wirt tan-nanniet paterni tagħhom Giovanni u Angela Muscat u

ma ppartecipaw bl-ebda mod fil-kawża odjerna. B'hekk l-eredita' minnhom irrinunzjata għandha tgħaddi fuq ħuthom.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet kontenuti fir-Rikors Maħluf tal-atturi (*a fol.* 1 *et seq.*), il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tas-segwenti:

- l-eċċezzjonijiet tal-atturi għall-Kontro-Talba tal-konvenuti (*a fol.* 137 *et seq.*);

- it-talbiet fil-Kontro-Talba tal-konvenuti (*a fol.* 130);

- l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti għar-Rikors Maħluf tal-atturi (*a fol.* 128 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

**Eċċezzjonijiet Tal-Atturi Għall-Kontro-Talba Tal-Konvenuti (*a fol.* 137 *et seq.*):**

L-Ewwel (1) u t-Tieni (2) Eċċezzjoni:
Illi fl-ewwel żewġ eċċezzjoniiet kontenuti fir-Risposta Maħlufa tagħhom (*a fol.* 137 *et seq.*) għall-Kontro-Talba, l-atturi jilmentaw li l-konvenuti ma ottemperawx ruħhom ma' Artikoli 398(1) u 398(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li, anke jekk kien hemm xi ksur tar-rekwiżiti stabbiliti mill-Artikolu 398 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iġġib in-nullita' tal-att, tali nuqqas jrid jarreka preġudizzju serju lill-parti li titlob tali nullita' jew inkella tali nullita' trid tkun espressament mitluba mil-liġi. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fil-11 ta' Marzu 2015 fl-ismijiet **Ellith Management & Sales Limited vs. Capstone Advisory Co. Limited** (Numru 907/2014), fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

"Fi kwalunkwe każ, skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna biex iwassal għan-nullita' ta' atti ġudizzjarji hemm bżonn li nuqqas ikun tali li ma jistax jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali. Ara Appell Ċivili Superjuri **Ellul E. vs. Agnese Gera de Petri**, 21 ta' April, 1995).

Difett proċedurali ma jġibx in-nullita' tal-att jekk il-parti l-oħra ma tbatix xi preġudizzju serju. Ara **Attard Michael vs. Raymond Galea** Appell Ċivili Superjuri, 12 ta' Mejju 1998). Biex tiġi dikjarata nulla ċitazzjoni u jitwaqqaf il-kors tagħha, jinħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut. (Ara **Francis Xavier sive Mosè Aquilina vs. Carmela sive Lina Aquilina**, Appell Ċivili Superjuri 21 ta' Marzu 1988).

Il-Qrati tagħna mhumiex favur il-formaliżmu esaġerat u fejn jistgħu jsalvaw l-atti u mhux jannullawhom. Il-prassi segwita mill-Qrati tagħna, anke a bażi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluż l-Art. 175 tal-Kap. 12 hija li formaliżmu eżaġerat ilu ħafna li ġie mnaqqas u limitat u bir-raġun il-liġi qegħda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formaliżmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh ("**Fino vs. Fabri noe**" – deċiża mill-Qorti tal-Appell – 28 ta' Frar 1997; **Malta Development Corporation vs. Paul Licari** deċiża mill-Prim'Awla fit-22 ta' April 2004, **Charles Fino vs. Alfred Fabri noe** Appell tat-28 ta' Frar 1997, **Maurizio Urso vs. Fr. Charles Cini**, deċiża mill-Prim'Awla fid-19 ta' Jannar 1999) u konsegwentement l-atti għandhom jigu salvati anziché annullati jew dikjarati nulli ("**Ellul vs. Coleiro**" – Qorti tal-Appell – 24 ta' Jannar 1994. Ara wkoll – "**Guillaumier Industries Ltd vs. Fava et**" – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 28 ta' Ottubru 1998, "**Attard noe vs. Galea**" – Qorti tal-Appell – 12 ta' Mejju 1998 u "**Aquilina vs. Cassar**" – Vol.LXXVI.IV.666).

Fil-kawża "**Vella vs. Cefai**" Appell Ċivili – 4 ta' Novembru 1991 – Vol.LXXV.II.467) il-Qorti tal-Appell sostniet li meta

fl-att taċ-ċitazzjoni jkun hemm vjolazzjoni tal-forma, l-eċċezzjoni tan-nullita' taċ-ċitazzjoni tista' tiġi milqugħa biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullita' preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat. Inoltre l-Qorti kompliet tafferma li f'dawn il-każi huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista' jkun għall-pratticita' u sabiex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun iebsa meta tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullita' u kemm jista' jkun għandha ssalva atti ġudizzjarji. Att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi. In-nullita' tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara ghal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali Ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Frar, 2015 fl-ismijiet **S.M.T. Developers Limited u Bathroom Styles Limited vs. Soap and Sponge Limited**).

Fil-każ odjern, jekk kien hemm xi difett proċedurali fil-forma tal-kontro-talba, dan ma kienx tali li jġib in-nullita' tal-att 'l għaliex ma jistax jingħad li dan id-difett proċedurali jġib miegħu għall-parti l-oħra xi preġudizzju serju. Din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ ma jikkonkorrux raġunijiet gravi, ċjoé nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tas-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata.

Fuq kollox huwa l-Artiklu 789(1)(ċ) tal-Kap. 12 stess (eċċezzjoni ta' nullita' ta' atti ġudizzjarji) li jgħid li "l-eċċezzjoni ta' nullita' tal-att ġudizzjarji tista' tingħata jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullita', kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullita', preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat".

Din il-Qorti tqis illi anki jekk, għas-saħħa tal-argument, kien hemm xi vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi għall-kontro-talba tas-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanta, din

> ma kienitx tali li ġabet preġudizzju lis-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dan it-tagħlim u tikkunsidra li, jekk kien hemm xi nuqqas fil-Kontro-Talba, fiċ-ċirkostanzi odjerni dan in-nuqqas ma arrekax ħsara irrimedjabbli lill-atturi. Għaldaqstant l-ewwel u t-tieni eccezzjoni hekk kif kontenuti fir-Risposta Maħlufa tal-atturi għall-Kontro-Talba tal-konvenuti konjugi Muscat ser jiġu miċħuda.

<u>It-Tielet (3) u r-Raba' (4) Eċċezzjoni</u>:
Illi f'dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet kontenuti fir-Risposta Maħlufa tal-atturi għall-Kontro-Talba (*a fol.* 137 *et seq.*), l-atturi jilmentaw li huma m'humiex passibbli għal ebda danni u li l-Kontro-Talba m'għandha l-ebda bażi legali u hija nfondata.

Illi l-konsiderazzjonijiet dwar dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ser isiru flimkien mal-konsiderazzjonijiet tat-talbiet kontenuti fil-Kontro-Talba tal-konvenuti.

<u>**It-Talbiet Fil-Kontro-Talba Tal-Konvenuti**</u>
<u>**(*a fol.* 130 *et seq.*)**</u>:
Illi dak li qed jintalab permezz ta' din il-Kontro-Talba huwa li l-Qorti tiddikjara lill-atturi responsabbli għad-danni minħabba li fetħu l-kawża odjerna b'mod illegali u abbużiv. Din id-dikjarazzjoni hija marbuta mal-fatt li fost l-atturi oriġinali Rose Buhagiar, Teresa Muscat u Concetta sive Connie Carr kien seħħilhom li ma kienux aktar interessati jkomplu dawn il-proċeduri tant li ċedew l-atti tal-kawża. Il-Qorti tifhem li din it-talba hija marbuta ma' l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mill-konvenuti.

Illi dak li trid tistħarreġ il-Qorti huwa li tara jekk kienx hemm aġir illegali u abbużiv minn naħa tal-atturi. Il-Qorti diversament preseduta diġa' kellha l-opportunita' li tistħarreġ jekk din il-kawża nfetħitx mingħajr il-kunsens tal-partijiet kollha tant li fit-22 ta' Mejju 2012 ingħatat sentenza (*a fol.* 256 *et seq.*) dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti fir-Risposta Maħlufa tagħhom. F'din is-sentenza, il-Qorti

diversament preseduta, apparti li ċaħdet din l-ewwel eċċezzjoni bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti, qalet hekk: *"irriżulta kjarament li meta saret il-kawża kien hemm il-kunsens tal-imsemmija Muscat, Buhagiar u Carr"* (*a fol.* 268).

Illi meħud in konsiderazzjoni l-fatt li l-bażi tal-Kontro-Talba tal-konvenuti konjugi Muscat jinsab marbut b'mod intrinsiku ma' l-ewwel eċċezzjoni tagħhom u minħabba li l-ewwel eċċezzjoni tagħhom diġa' ġiet miċħuda minn din il-Qorti diversament preseduta, il-Qorti ma tistax tara kif tista' tikkunsidra lill-atturi responsabbli għad-danni minħabba li jirriżulta li l-atturi ma aġixxewx b'mod abbużiv!

Illi b'hekk isegwi li t-talbiet kollha hekk kif kontenuti fil-Kontro-Talba tal-konvenuti ser jiġu miċħuda. Isegwi wkoll li t-tielet (3) u r-raba' (4) eċċezzjoni hekk kif kontenuti fir-Risposta Maħlufa tal-atturi għall-Kontro-Talba ser jintlaqgħu.

**Eċċezzjonijiet Tal-Konvenuti Għar-Rikors Maħluf Tal-Atturi (*a fol.* 128 *et seq.*):**

L-Ewwel (1) Eċċezzjoni u t-Tieni (2) Eċċezzjoni:
Illi dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet diġa ġew deċiżi minn din il-Qorti kif diversament preseduta b'żewġ sentenzi: waħda mogħtija fit-22 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 256 *et seq.*) u oħra mogħtija fit-28 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 419 *et seq.*). Iż-żewġ eċċezzjonijiet ġew miċħuda.

It-Tielet (3) Eċċezzjoni:
Illi f'din l-eċċezzjoni l-konvenuti eċċepew li l-ġudizzju ma kienx integru peress li kienu tħallew barra diversi persuni. Għandu jingħad li fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 482) ġie mniżżel li l-konsulent legali tal-konvenuti ma kienx qed jinsisti aktar fuq din it-tielet eċċezzjoni li kienet tirrigwarda li l-ġudizzju ma kienx integru dana in vista li l-atturi kienu rregolaw ruħhom fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2014. Għaldaqstant, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulerjuri tagħha.

Ir-Raba' (4) Eċċezzjoni:

Illi dwar din l-eċċezzjoni mressqa jingħad li l-ġudizzju mhux ser ikun integru minħabba li għad jonqos xi nies li għandhom interess fil-kawża u li ma humiex fil-kawża.

Illi l-Qorti tinnota li t-tielet eċċezzjoni tixbah ir-raba' eċċezzjoni minħabba li fit-tielet eċċezzjoni jingħad li xi werrieta kienu nieqsa waqt li fir-raba' eċċezzjoni tgħid l-istess ħaġa imma b'mod aktar ġeneriku.

Illi l-Qorti hi tal-fehma li dawk kollha li mill-atti jirriżulta li huma werrieta qegħdin rappreżentati fl-okkju tal-kawża. Stabbilit dan jibqa' il-kwistjoni sollevata mill-konvenuti permezz ta' Nota ppreżentata fid-9 ta Ġunju 2016 (*a fol.* 871) fejn jingħad li fit-trasfużjoni tal-atti ta' Mose' Muscat tħalla barra t-tifel tiegħu li joqgħod l-Ingilterra u li jirriżulta mit-testment ta' l-istess Mose' Muscat li dan tħallilu l-porzjon riżervata u ċioe' l-legittima.

Illi f'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Frar 2005 fl-ismijiet **Edgar Galea noe et vs. Alfred Sant Fournier et** (Numru 790/2001/1) fejn il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) qalet is-segwenti:

> "Jeżistu mbagħad deċiżjonijiet li jsostnu illi għalkemm hu veru li l-avveniment tal-mewt ta' waħda mill-partijiet meta l-kawża għad mhix konkluża topera neċessarjament l-interruzzjoni tal-ġudizzju, tali prinċipju ma jibqax hekk assolut meta simili interruzzjoni tavvera ruħha fiż-żmien li l-kawża tkun waslet fl-istat li tiġi ġudikata (Kollez. Vol. XLVIII P II p 858). Jingħad ukoll pero' li eċċezzjoni simili mhix assoluta, imma relattiva, u tmiss biss lill-persuna li għandha l-istess interess li kellha l-persuna mejta *"perché questa eccezzione non era di ordine pubblico, ma accordata unicamente agli eredi e successori del contendente morto"* - **"Giuseppe Pace –vs- Consolata Camilleri"**, Appell Ċivili, 4 ta' Ġunju 1923; **"Carmela Mallia -vs- Beatrice Camilleri"**, Appell Ċivili, 21 ta' Ottubru 1988)." [emfażi miżjuda]

Illi, b'applikazzjoni ta' dak li ġie kwotat hawn fuq, huma l-eredi tal-mejjet Mose' Muscat li għandhom għalhekk id-dritt iressqu l-eċċezzjoni in eżami.

Illi, apparti dak li ngħad hawn fuq, ma nġabet l-ebda prova mill-konvenuti sabiex tikkorrobora l-fatt li l-parti riżervata lit-tifel ta' Mose' Muscat ma tistax tiġi sodisfatta minn xi parti oħra tal-assi li kienu ta' Mose' Muscat. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni in eżami ser tiġi miċħuda.

<u>Il-Ħames (5) Eċċezzjoni</u>:
Illi f'din l-eċċezzjoni ġie eċċepiet li ħadd ma kkontesta li r-razzett għadda bl-akkrexximent u wara bir-rieda ta' Vittorio u Emmanuele aħwa Muscat fuq il-konvenuti.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Costantino Muscat pro et noe et vs. Nazzareno Muscat et** (Numru 592/96) (*a fol.* 79 *et seq.* u *a fol.* 490 *et seq.*) mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Ottubru 2004, liema sentenza llum hija *res judicata*, fejn ġie deċiż bl-iktar mod ċar li l-atturi għandhom dritt għall-proprjetajiet li huma s-suġġett ta' din il-kawża. In partikolari l-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell meta qalet hekk:

> "Jirriżulta għalhekk li l-ewwel Qorti iddecidiet korrettement fis-sens li l-atturi appellati kellhom sehem mill-proprjeta' <u>kollha</u> msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni u li konsegwentement l-appellanti għandhom l-obbligu li jagħtu wkoll kopja taċ-ċwievet lill-appellati tal-fond fuq imsemmi."

Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell hawn fuq imsemmija jissemmew is-segwenti proprjetajiet li huma wkoll il-mertu ta' din il-kawża:

- razzett u ġardina magħrufa "Ta' Zitellu", f'Curved Street ġià Triq tal-Maċina kontrada tan-Nigret, Żurrieq;
- fond Numru 51, Mill Street, Żurrieq;

- fond Numru 13, Nigret Junction kantuniera ma' Mill Street, Żurrieq;

- għalqa f'Santa Marija, Bubaqra.

Illi jsegwi li f'dan l-istadju ma jiswa xejn li jingħad li ħadd miz-zijiet ma kkontestaw l-fatt li r-razzett għadda bl-akkrexximent. Jingħad li dan hu fattwalment żbaljat minħabba li l-porzjon ta' Giuseppa Muscat għadda fuq ħutha kollha hekk kif jistabbilixxi Artikolu 812 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll minħabba li dan il-punt diġa' ġie deċiż mill-Qorti b'sentenza definittiva.

Illi b'hekk isegwi li anke din l-eċċezzjoni ser tiġi miċħuda.

**Talbiet Kontenuti Fir-Rikors Maħluf Tal-Atturi (*a fol.* 1 *et seq.*):**

L-Ewwel (1) Talba:
Illi f'din l-ewwel talba l-atturi jitolbu li jiġu likwidati l-assi ta' Giovanni [John] u Angela konjuġi Muscat. Il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ordnat il-Qorti diversament preseduta fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 417) meta tat żmien lill-atturi sabiex permezz ta' Nota Maħlufa ppreżentata fir-Reġistru jindikaw il-proprjeta' kollha illi skont huma għandha tkun il-mertu tad-diviżjoni.

Illi kemm min-Nota Maħlufa tal-atturi ppreżentata fit-3 ta' Diċembru 2013 (*a fol.* 439), kemm min-Nota Maħlufa tal-konvenuti ppreżentata fil-31 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 444 *et seq.*) u kif ukoll mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta li l-assi ta' Giovanni u Angela konjuġi Muscat li jridu jiġu likwidati huma s-segwenti:

- razzett u ġardina magħrufa "Ta' Zitellu", f'Curved Street ġia Triq tal-Maċina kontrada tan-Nigret, Żurrieq;

- fond Numru 51, Mill Street, Żurrieq;

- fond Numru 13, Nigret Junction kantuniera ma' Mill Street, Żurrieq;

- għalqa f'Santa Marija, Bubaqra.

Illi, sabiex dawn l-assi jkunu jistgħu jiġu likwidati, il-Qorti sejra tistrieħ fuq il-valutazzjoni magħmula mill-Perit Mario Cassar u dana fid-dawl tal-fatt li l-Qrati tagħna ripetutament stqarrew li parir ta' espert tekniku ma jistax jiġi mwarrab b'mod leġġer. *Di fatti* fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2021 fl-ismijiet **Alfred Borg et noe vs. Dennis sive Dionisio Gatt et** (Numru 662/04/1), il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> "Tajjeb li jiġi ribadit il-prinċipju li, din il-Qorti ma tistax tiskarta b'mod leġġer jew kapriċċużi, l-opinjoni tal-esperti nominati mill-ewwel Qorti, sabiex jassistu fid-determinazzjoni tal-każ, speċjalment fejn il-materja tkun strettament ta' natura teknika. Jibqa' l-fatt li, f'materja ta' perizja teknika, huwa ritenut li din tikkostitwixxi prova importanti u mhux normali li l-Qorti tiskarta l-imsemmija prova, sakemm ma jkunx hemm konvinzjoni li r-relazzjoni peritali mhix ġusta u korretta. Għalkemm din il-Qorti mhix marbuta li toqgħod għall-fehmiet tal-perit maħtur minnha kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha (Artikolu 681 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), ma tiskartax faċilment il-*giudizio dell'arte*, kif espress mill-periti tekniċi, sakemm ma jkunx jidher sodisfaċentement li l-konklużjonijiet peritali huma fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi irraġonevoli (Ara sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Ġunju, 1967, fil-kawża fl-ismijiet **Bugeja et v. Muscat et** Kollez. Vol. LI.I.389)."

Illi stante li l-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għala għandha tiddiparti mill-istimi magħmula mill-Perit Mario Cassar, b'hekk il-Qorti ser tagħmel tagħha l-istimi magħmula mill-perit imsemmi fir-rapport tiegħu (*a fol.* 799 *et seq.*). Konsegwentement tiddikjara li l-assi konjugali ta' Giovanni u Angela konjuġi Muscat illum għandhom valur €1,646,700.

It-Tieni (2), it-Tielet (3) u r-Raba' (4) Talba:
Illi f'dawn it-talbiet il-Qorti ġiet mitluba:

- tordna d-diviżjoni tal-assi ta' Giovanni u Angela konjuġi Muscat f'żewġ porzjonijiet ugwali;

- tillikwida l-assi partikolari ta' Giovanni Muscat u tiddikjaraha li tikkonsisti f'porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilu assenjata f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża;

- tillikwida l-assi partikolari ta' Angela Muscat u tiddikjaraha li tikkonsisti f'porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilha assenjata f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża.

Illi, dwar dawn it-talbiet in eżami, il-Qorti tinnota li ma għandhiex provi dwar il-provenjenza tal-proprjetajiet imsemmija fir-rapport tal-Perit Mario Cassar u għaldaqstant ma tafx jekk dawn humiex proprjeta' parafernali jew parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti tal-konjuġi Giovanni u Angela Muscat. Għaldaqstant, il-Qorti ser tiċħad dawn it-talbiet b'dana pero' li d-devoluzzjoni fuq l-ulied mhux ser tkun affettwata minn dawn it-talbiet u allura l-mertu prinċipali tal-kawża ma huwiex preġudikat.

Il-Ħames (5) u s-Sitt (6) Talba:
Illi f'dawn it-talbiet il-Qorti ġiet mitluba:

- taqsam il-ġid bejn il-kontendenti skont il-kwota li jiġi ddikjarat li għandhom dritt għalih;

- tiddividi r-razzett b'ġardina msejjaħ "Ta' Zitellu", li jinsab fil-limiti taż-Żurrieq, fi Triq il-Maċina, kontrada tan-Nigret.

Illi l-Qorti ser l-ewwel tagħmel analiżi għal kull proprjeta' sabiex tiddetermina l-ishma dovuti lill-konvenuta u lill-atturi kumulattivament u wara tgħaddi sabiex tiddividi l-proprjeta', inkluż ir-razzett. Għal kull buon fini jingħad li l-konvenuta Anna Muscat tħalliet bħala eredi universali ta' żewġha Nazzareno Muscat wara li ġie nieqes fil-mori tal-kawża u dana permezz ta' testment fl-

atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace (*a fol.* 954 *et seq.*) u b'hekk sehmu mill-wirt tan-nanniet tiegħu jgħaddi fuqha.

Razzett u Ġardina magħrufa "Ta' Zitellu", f'Curved Street ġia Triq tal-Macina, kontrada tan-Nigret, Żurrieq:
Illi dan ir-razzett ġie mħolli bħala prelegat lil tlieta mill-aħwa u ċioé Giuseppa, Emmanuele u Vittorio. Filwaqt li Vittorio u Emmanuele ħallew il-porzjoni spettanti lilhom lil Nazzareno u lil martu Anna, Giuseppa mietet intestata u konsegwentement il-wirt tagħha jrid jinqasam fuq ħutha kollha. Għalhekk lill-konvenuta jispetta:

- 38.0952% derivanti mill-wirt ta' Emmanuele Muscat: rappreżentanti in kwantu għal 33.3333% porzjon derivanti direttament mill-prelegat u in kwantu għal 4.7619% rappreżentanti sehmu mill-eredita' ta' oħtu Giuseppa Muscat; u

- 38.0952% derivanti mill-wirt ta' Vittorio Muscat: rappreżentanti in kwantu għal 33.3333% porzjon derivanti direttament mill-prelegat u in kwantu għal 4.7619% rappreżentanti sehmu mill-eredita' ta' oħtu Giuseppa Muscat.

Illi ma huwiex kontestat li Nazzareno Muscat imissu wkoll parti mis-sehem li missieru kien wiret mis-sehem ta' oħtu. Għalkemm ma hemmx prova ta' kif għandu jinqasam il-wirt ta' Francesco Muscat, il-Qorti tinnota li dak li hemm imniżżel *a fol.* 98 mhux ikkontestat u għalhekk il-Qorti sejra tistrieħ fuqu. Jirrizulta li Francesco Muscat kellu ħdax (11) il-wild u għalhekk il-porzjoni spettanti lilu mis-sehem li wiret missieru hija ta' 0.4329% li huwa r-riżultat tad-diviżjoni ta' porzjon li wiret missieru bejn ħdax-il aħwa. Għaldaqstant permezz ta' l-operat tat-testment ta' Nazzareno Muscat, il-perċentaġġ li jispetta lill-konvenuta hu ta' 76.6233%. Min-naħa l-oħra l-porzjon spettanti lill-atturi hija ta' 23.3767%.

Illi konsegwentement meta dawn il-konteġġi jiġu mqabbla ma' dak li ġie stmat mill-Perit Mario Cassar fir-rapport tiegħu (*a fol.* 799 *et seq.*) jirrizulta li l-konvenuta jmissha l-ekwivalenti ta' €1,060,159.98 mill-valur tar-razzett u tal-ġardina waqt li l-atturi jmisshom €323,440.02.

Fond bin-Numru 51, Mill Street, Żurrieq:
Illi dan il-fond ma kienx jifforma parti mill-prelegat mħolli lit-tliet aħwa mhux miżżewġa u għalhekk kien maqsum ma' l-aħwa kollha u ċioé tmienja. Dan ifisser li kull wieħed mill-aħwa wiret 12.5% mill-proprjeta'. Peress li Giuseppa mietet intestata s-sehem tagħha jinqasam fuq is-seba' aħwa skont ma' jipprovdi Artikolu 812 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jissarraf f'perċentaġġ ta' 1.7857%, liema perentaġġ jgħaddi fuq is-seba' ħutha.

Għaldaqstant, Nazzareno flimkien ma' martu Anna Muscat wirtu s-segwenti:

- 14.2857% minn għand Vittorio Muscat. Dan l-ammont huwa kompost in kwantu għal 12.5% ġej mis-sehem li Vittorio Muscat wiret minn għand il-ġenituri tiegħu waqt li 1.7857% ġej mis-sehem li Vittorio Muscat wiret minn għand oħtu Giuseppa Muscat;

- 14.2857% minn għand Emmanuele Muscat. Dan l-ammont huwa kompost in kwantu għal 12.5% ġej mis-sehem li Emmanuele Muscat wiret minn għand il-ġenituri tiegħu waqt li 1.7857% ġej mis-sehem li Emmanuele Muscat wiret minn għand oħtu Giuseppa Muscat; u

- 1.298% minn għand missieru b'dan illi 1.136% irċevihom direttament minn għand il-porzjon illi Francesco Muscat wiret minn għand il-ġenituri tiegħu waqt li 0.1623% huma derivanti minn għand is-sehem li Francesco Muscat wiret minn għand oħtu Giuseppa Muscat. B'operat tat-testment ta' Nazzareno Muscat wirtet kollox martu Anna Muscat.

Illi l-Qorti ma qablitx mal-konteġġi tal-atturi (*a fol.* 100) minħabba li tħalliet barra l-parti li Nazzareno Muscat wiret minn għand missieru.

Illi għaldaqstant is-sehem ta' Anna Muscat minn dan il-fond huwa dak ta' 29.869% waqt li sehem l-atturi huwa 70.131%. Meta dawn il-konteġġi jiġu mqabbla ma' dak li ġie stmat mill-Perit Mario Cassar

fir-rapport tiegħu (*a fol.* 799 *et seq.*) jirrizulta li l-konvenuta jmissha l-ekwivalenti ta' €23,895.20 mill-fond bin-numru 51, Mill Street, Żurrieq waqt li l-atturi għandhom sehem ta' €56,104.80.

Fond bin-Numru 13, Nigret Junction kantuniera ma' Mill Street, Żurrieq:
Illi għal dan il-fond japplikaw l-istess raġunamenti li ġew applikati għall-fond bin-numru 51, Mill Street, Żurrieq u konsegwentement japplikaw l-istess perċentaġġi. Għaldaqstant is-sehem tal-konvenuta Anna Muscat minn dan il-fond huwa dak ta' 29.869% waqt li s-sehem tal-atturi huwa 70.131%. Dan ifisser li, meħud in konsiderazzjoni r-rapport (*a fol.* 799 *et seq.*) redatt mill-Perit Mario Cassar, minn dan il-fond il-konvenuta għandha sehem ta' €34,349.35 waqt li l-atturi għandhom sehem ta' €80,650.65.

Għalqa f'Santa Marija, Bubaqra:
Illi anke hawn japplikaw l-istess raġunamenti li ġew applikati għall-fond bin-Numru 51, Mill Street, Żurrieq u b'hekk japplikaw l-istess perċentaġġi. Għaldaqstant, peress li s-sehem tal-konvenuta Anna Muscat minn dan il-fond huwa dak ta' 29.869% u s-sehem tal-atturi huwa 70.131% ifisser li wara tittieħed il-valutazzjoni milħuqa mill-Perit Mario Cassar fir-rapport tiegħu (*a fol.* 799 *et seq.*) jirriżulta li l-konvenuta għandha sehem ta' €20,340.79 waqt li l-atturi għandhom sehem ta' €47,759.21.

**Illi magħmula dawn il-konteġġi jirrizulta għalhekk li s-segwenti huwa l-valur komplessiv li l-konvenuta u l-atturi għandhom mill-wirt ta' Ġiovanni u Angela konjuġi Muscat.**

| | **Konvenuta** | **Atturi** |
|---|---|---|
| **Razzett u Ġardina magħrufa "Ta' Zitellu"** | **€1,060,159.98** | **€323,440.02** |
| **51, Mill Street, Żurrieq** | **€23,895.20** | **€56,104.80** |
| **13, Nigret Junction, Żurrieq** | **€34,349.35** | **€80,650.65** |
| **Għalqa, f'Bubaqra** | **€20,340.79** | **€47,759.21** |
| **TOTAL** | **€1,138,745.32** | **€507,954.68** |

Porzjonijiet dovuti lill-partijiet:
Illi, wara li ġie stabbilit dan t'hawn fuq, il-Qorti sejra tidentifika l-porzjonijiet dovuti lill-partijiet sabiex wara tara jekk u kif dawn jistgħu jiġu diviżi. Ma jirriżultax li hemm kontestazzjoni dwar l-Arblu Ġeneologiku (*a fol.* 94) u l-Qorti ser isserraħ fuqu ġialadarba mhux merut minn dokumenti uffiċjali.

Illi apparti Emmanuele, Vittorio u Giuseppa Muscat (li dak li kellu jingħad dwarhom ingħad aktar 'il fuq) jonqos ħames aħwa oħra ulied Giovanni u Angela konjuġi Muscat. Ġialadarba jonqos dawn il-ħames ulied oħra, il-Qorti ser taqsam il-porzjon spettanti lilhom f'ħames pakketti. B'dana illi Carmelo, Salvatore, Pietro u Salvina (ċioé erbgħa mill-aħwa ulied Giovanni u Angela Muscat) jieħdu l-istess pakkett waqt li t-tfal ta' Francesco Muscat jieħdu pakkett ftit iżgħar minħabba li porzjon żgħira minnu ekwivalenti għal 4.327% għaddiet lil Nazzareno Muscat. Għaldaqstant ulied Francesco Muscat jieħdu bejniethom pakkett ta' €98,043.56 waqt li l-werrieta ta' l-erba' aħwa l-oħra jieħdu pakkett ta' €102,477.78 kull wieħed.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex taqsam il-porzjonijiet skont l-Arblu Ġeneoloġiku (*a fol.* 94) u ser tagħmel il-kalkoli tagħha persuna persuna.

Pietro Muscat
Illi mill-Arblu Ġeneoloġiku (*a fol.* 94) jidher li Pietro Muscat ma għandux tfal. Minkejja li fl-imsemmi Arblu Ġeneoloġiku ġie ndikat li Pietro Muscat kien għadu ħaj, fis-seduta tal-25 ta' April 2014 (*a fol.* 447) intalab li l-atti jiġu trasfużi f'isem martu Michelina Muscat u wliedu Carmel Muscat, Catherine Zammit, Martina Bugeja, Angela Sciberras, Alfred Muscat, Anna Grixti u Josephine Saliba u fl-14 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 480) intlaqgħet tali talba.

Illi l-Qorti tirrileva li, permezz ta' Nota ppreżentata fit-23 ta' Ġunju 2014 (*a fol.* 454), Michelina Muscat ġiet indikata bħala mejta. Dan jinsab konfermat minn ċertifikat tal-mewt tagħha (Dok. "MM 1" – *a fol.* 458). Jidher ukoll mill-atti proċesswali li Pietro u Michelina Muscat mietu bla testment u wliedhom jirtuhom kollha b'mod indaqs. Konsegwentement l-ammont ta' €102,477.78 jinqasam b'mod indaqs bejn it-tfal kollha.

<u>Francesco Muscat</u>
Illi, skont l-Arblu Ġeneologiku (*a fol.* 94), Francesco Muscat miet fis 27 ta' April 1991 u ħalla ħdax-il eredi. Is-sehem tagħhom, b'eċċezzjoni ta' Nazzareno Muscat li l-porzjoni tiegħu mill-eredita' diġa' ġiet stabbilita aktar 'il fuq hija għalhekk sehem minn għaxra ta' €98,043.56.

Illi mill-atti jirriżulta li Giovanna Mizzi, Maria D. Camilleri, Rosario Muscat u Mose' Muscat mietu. B' dana illi:

- Giovanna Mizzi wirtitha Marthese Mizzi għalhekk il-porzjoni ta' Giovanna Mizzi tgħaddi kollha fuq Marthese Mizzi;

- Maria D. Camilleri wirtuha Ruth mart Brian John Agius u Janelle Camilleri għalhekk il-parti li wirtet Maria Camilleri tinqasam f'żewġ porzjonijiet indaqs;

- Rosario Muscat wirtitu martu Mary Anne Muscat għalhekk il-porzjoni ta' Rosario Muscat tgħaddi kollha fuq Mary Anne Muscat;

- Mosé Muscat wirtuh Costantino Muscat, Costanza Cassar, Giovanna Mizzi, Carmela Muscat Camilleri u Charles Muscat għalhekk il-porzjon tiegħu għandha tinqasam f'ħames porzjonijiet ugwali dana mingħajr preġudizzju għas-sehem riżervat ta' Daniel Muscat.

<u>Carmelo Muscat</u>
Illi, skont l-Arblu Ġeneologiku (*a fol.* 94), Carmelo Muscat miet fl-24 ta' April 1996 u ħalla disa' eredi. Permezz ta' Nota ppreżentata fil-21 ta' Diċembru 2011 (*a fol.* 242) il-Qorti ġiet mgħarrfa li Mary Rose Buhagiar, Maria Concetta sive Cettina Carr u Teresa Muscat irrinunzjaw għal sehemhom mill-wirt tan-nanniet paterni tagħhom u għalhekk in-numru ta' eredi ta' Carmelo Muscat jinżlu għal sitta. Konsegwentement l-ammont ta' €102,477.78 għandu jinqasam f'sitt porzjonijiet ugwali.

<u>Salvatore Muscat</u>
Illi mill-atti m'hemm l-ebda dokumenti uffiċjali dwar il-mewt ta' Salvatore Muscat u lanqas ma hemm it-testmenti tiegħu u, ġialadarba dak li hemm fl-Arblu Ġeneoloġiku (*a fol.* 94) m'huwiex kontestat fir-rigward ta' l-eredi tiegħu u lanqas ma tressqet xi prova bil-kontra, il-Qorti ser toqgħod fuq il-lista ta' werrieta li hemm indikati fl-imsemmi Arblu Ġeneoloġiku. B'hekk ifisser li s-sehem ta' Salvatore Muscat jgħaddi fuq id-disa' werrieta tiegħu. Konsegwentement l-ammont ta' €102,477.78 għandu jinqasam f'disa' porzjonijiet ugwali.

<u>Salvina Farrugia neé Muscat</u>
Illi permezz ta' testment (*a fol.* 120 *et seq.*) Salvina Muscat ħalliet ħames eredi li huma: Mikielangelo Farrugia, Joseph Farrugia, Mario Farrugia u Pupull u martu Catherine Farrugia. Il-Qorti jirriżultalha b'mod ċar li Mario u Joseph imisshom kull wieħed kwart (1/4) indiviż tal-proprjeta' li Salvina Muscat irċeviet minn għand il-ġenituri tagħha waqt li Pupull u martu Catherine wirtu nofs indiviż li fadal fi kwoti indaqs. Jidher ukoll mid-dikjarazzjoni *causa mortis* (*a fol.* 461) li l-aħwa Farrugia wirtu fi kwoti indaqs bejniethom dak li kien ta' Mikielangelo Farrugia.

Illi jirrizulta li fil-mori tal-kawża mietet Catherine Farrugia tant li l-atti tagħha ġew trasfużi f'isem Publius Farrugia, Joseph Farrugia u Charles Farrugia (*a fol.* 860 *et seq.*).

Illi għaldaqstant din il-Qorti tistabbilixxi li l-ammont ta' €102,477.78 għandu jinqasam billi nofsu jmur għand Publius u wliedu Joseph Farrugia u Charles Farrugia b'dana illi Publius jiret kwart indiviż minħabba li Salvina Muscat ħalliet lilu u lil martu werrieta fi kwoti indaqs waqt li jiret sehem minn tmienja b'operazzjoni ta' Artikolu 808 tal-Kodiċi Ċivili. Il-parti li tibqa' tgħaddi fuq uliedu permezz ta' l-istess artikolu fi kwoti indaqs bejniethom. Ir-rimanenti nofs mill-wirt li Salvina Farrugia rċeviet minn għand il-ġenituri tagħha jmur għand Mario Farrugia u Joseph Farrugia fi kwoti ndaqs bejniethom.

Diviżjoni tal-ġid:
Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tiddividi l-ġid bejn il-kontendenti nkluż ir-razzett. Il-Qorti ser tibda billi teżamina jekk tistax taqsam ir-razzett bil-ġardina hekk kif inhu mitlub mill-atturi.

Illi filwaqt li l-Qorti tinnota d-dikjarazzjoni li saret mill-partijiet fil-verbal tas-seduta tal-5 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 660 *et seq.)* li tliet fondi mhumiex komodament diviżibbli, fl-ewwel rapport tiegħu l-Perit Mario Cassar qal li tali proprjeta' hija faċilment diviżibbli (*a fol.* 811). Il-Qorti tinnota wkoll li x-xewqat tal-partijiet hi li r-razzett u l-ġardina jibqgħu unita' waħda.

Illi qabel ma' l-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet legali tagħha hija għad trid tagħmel l-aħħar konteġġi sabiex tara x'ekwiparazzjoni jkun hemm bżonn u allura kif u jekk tistax issir id-diviżjoni tal-ġid kollu in kwistjoni.

Illi mill-konteġġi li l-Qorti għamlet iktar 'il fuq, jekk il-porzjon tal-proprjeta' li kienet tmiss lil Nazzareno Muscat u/jew lil martu għajr għar-razzett bil-ġardina tgħaddi għand l-atturi jirriżulta li huma jkunu għaddew €78,585.33. Meta dan jiġi imnaqqas mis-sehem li l-atturi għandhom mir-razzett bil-ġardina l-ekwiparazzjoni dovuta lill-atturi tkun tammonta għal €244,845.70. Fl-opinjoni tal-Qorti dan l-ammont ta' ekwiparazzjoni huwa għoli wisq u konsegwentement huwa bżonnjuż li l-Qorti tara jekk hemmx assi oħra li jistgħu jpattu għal din l-ekwiparazzjoni. Magħdud ma' dan, il-Qorti ma tistax tilqa' ix-xewqa tal-partijiet li r-razzett bil-ġardina jibqgħu unita' waħda.

Illi fl-aħħar mill-aħħar ġialadarba l-partijiet ma seħħilhomx jaslu għal diviżjoni issa jispetta lill-Qorti li tespleta dan l-oneru. Dan huwa wkoll ir-raġunament espress mill-Qorti fis-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2021 fl-ismijiet **Malaga Enterprises Limited et vs. Duminku Cutajar** (Numru 244/14/1) fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> "Fl-istess vena legali, l-Qorti tosserva iżda, li għalkemm naturalment l-osservazzjonijiet tekniċi tal-espert inkarigat għandhom il-piż tagħhom, il-punt jekk il-proprjeta' hijiex

> jew le komodament diviżibbli u tista' tinqasam bla ħsara jew diskapitu huwa mħolli fid-deskrizzjoni tal-Qorti li għandha tiddeċiedi hi dan l-aspett skont iċ-ċirkostanzi."

Illi l-ġardina mingħajr ir-razzett ġiet stmata għal €684,600 u għandha kejl ta' 1630 metru kwadru. Dan ifisser li għandha valur ta' €420 kull metru kwadru. Għaldaqstant, il-porzjon tal-ġardina li trid tgħaddi fuq l-atturi sabiex tpatti għal ekwiparazzjoni dovuta hija ta' 582.96 metru kwadru. Dan iħalli 1047.04 metru kwadru għal konvenuta u b'hekk kull parti tkun ħadet dak li ħaqqha mill-eredita' ta' Ġiovanni anni u Angela konjuġi Muscat.

Illi l-Qorti ser tara jekk id-diviżjoni bħal dik proposta hijiex legalment aċċettabbli. Artikolu 504 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi li:

> "Meta wieħed jiġi biex jifforma u jqassam l-ishma, għandu jevita li jifred il-fondi fi bċejjeċ jew li joħloq servitujiet; u għandu jfittex li jdaħħal f'kull sehem l-istess kwantita' ta' ħwejjeġ mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur".

Illi dan l-artikolu għalhekk jimponi, fost rekwiżiti oħra, li għandu jiġi evitat li jinħolqu servitujiet. In vista tal-fatt li l-ġardina hija imdawra bi tliet toroq, hekk kif imfisser fil-pjanta li tinsab *a fol.* 815, jekk il-ġardina tinqasam b'mod lineari sa fejn dan huwa possibbli fejn il-parti li tmiss lill-atturi tittieħed mill-ponta fejn Sqaq Franzina jmiss ma' Triq Wied Ganu ma għandha tiġi kkrejata l-ebda servitu waqt li tiġi salvagwardjata l-integrita tar-razzett ma' parti adjaċenti mill-istess ġardina. B'din il-qasma l-partijiet ikunu qed jieħdu l-porzjoni kollha li tmiss lilhom u ma jkun hemm bżonn l-ebda ekwiparazzjoni. Ta' min jikkunsidra wkoll li f'dan ix-xenarju r-razzett u l-bqija tal-ġardina tiġi allokata lill-konvenuta u kemm jista' jkun din tibqa' entita' waħda kif xtaqu l-partijiet.

Illi, stabblit dak li għadu kemm ingħad, il-Qorti taqbel mad-dikjarazzjoni tal-Perit Mario Cassar meta qal li l-ġid in kwistjoni jista' tinqasam b'mod konvenjenti minkejja li l-pjan propost fl-

ewwel rapport ma għadux fattibbli minħabba li nbidlu l-valuri tal-proprjeta'.

Illi f'dan il-kuntest issir riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju 2017 fl-ismijiet **Andrew Vella et vs. Orazio sive Grezzju Vella et** (Numru 913/2015) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

> "Fl-istess vena legali, l-Qorti tosserva iżda, li għalkemm naturalment l-osservazzjonijiet tekniċi tal-espert inkarigat għandhom il-piż tagħhom, il-punt jekk il-proprjeta' hijiex jew le komodament diviżibbli u tista' tinqasam bla ħsara jew diskapitu huwa mħolli fid-deskrizzjoni tal-Qorti li għandha tiddeċiedi hi dan l-aspett skont iċ-ċirkostanzi. Kif ġie osservat mill-Qorti tal-Appell, *"anke fil-każ ta' dubbju dwar id-divizibbilita' ta' fond il-Qorti trid timxi fuq il-prinċipju li fond ma jiġix żmembrat b'mod li l-valur tiegħu jiġi deprezzat."*[3]
>
> Dawn il-konsiderazzjonijiet huma konformi mal-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża **"Giuseppe Mejlak vs. Cecilia Zahra Scicluna"**, deċiża fit-28 ta' Gunju 1948 fejn osservat li l-liġi tagħna tuża l-espressjoni "*komodament diviżibbli" u mingħajr diskapitu ċioe' mingħajr preġudizzju tal-interessi tal-kondividendi……..ikun hemm anke diskapitu meta l-fond bid-diviżjoni materjali jiġi deprezzat fil-valur ekonomiku tiegħu….Hu neċessarju wkoll illi d-diviżjoni materjali ma tkunx tista' ssir komodament ċioe' faċilment, mingħajr inkonvenjent gravi; għaliex mhux necessarja l-impossibilita' ta' diviżjoni in natura; għaliex kieku kien hekk…..kwalunkwe post jista' jiġi diviż, salv l-każijiet ta' l-impossibilita' assoluta minħabba l-konfermazzjoni jew estensjoni tal-post""*.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li d-diviżjoni hekk kif proposta minnha ma tnaqqasx il-valur tal-proprjeta' hekk maqsuma minħabba li l-

[3] Ara sen. tal-Qorti tal-Appell **Giuseppe Meilaq vs. Cecilia Zahra Scicluna** deċiża fit-28 ta' Ġunju 1948 Vol.33B.I.329, kif ukoll sentenza mogħtija mill-Prim Awla (GV) fl-ismijiet **Testaferrata Nicholas Jensen pro et noe vs. Spiteri Debono Nobbli Anna Maria pen** – 28.01.2002.

porzjonijiet ta' l-art huma relattivament kbar u jippermettu użu tajjeb għal konvenuta waqt li jagħtu valur lill-atturi. Dan ir-raġunament huwa suffragat ukoll mis-sentenza mogħtija fil-25 ta' Settembru 2003 fl-ismijiet **Paul Grech et vs. Lawrence Grech et** (Numru 380/2001/1) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:

> "Madankollu, jekk biex jitħarsu l-prinċipji fuq imsemmija l-qasma tal-ħwejjeġ komuni tkun qegħda ssir biss fid-deher u tkun mgħobbija b'soluzzjonijiet imġebbda, bħal, per eżempju, ekwiparazzjonijiet qawwija, f'dan il-każ ikun għaqli li ssir il-liċitazzjoni u tkun qegħda titħares il-liġi fil-kelma u l-ispirtu tagħha jekk l-eċċezzjoni tegħleb lill-prinċipju."

Illi fil-fehma tal-Qorti din id-diviżjoni tosserva d-dettami tal-liġi u t-tagħlim tal-ġurisprudenza sa fejn wieħed iħares lejn il-kawża bħala atturi kontra konvenuta. Iżda meta wieħed iħares lejn l-ammont li din l-Qorti allokat lill-atturi, minħabba n-numru konsiderevoli tal-atturi, il-proprjetajiet allokati lilhom ma humiex komodament diviżibbli bejniethom u li jekk kull attur jieħu biċċa, dan sejjer jispiċċa bi ftit li xejn. Għaldaqstant huwa tajjeb li l-porzjon tal-proprjeta' li tmiss lill-atturi għandha tinbiegħ bil-liċitazzjoni hekk kif ser jiġi pprovdut iktar 'l isfel

Illi konsegwentement il-Qorti tiddeċiedi li, barra mill-proprjetajiet l-oħra hekk kif imsemmija aktar 'il fuq, il-ġardina li hemm mar-razzett tinqasam b'mod illi lill-atturi jingħataw il-porzjon hekk kif deskritta aktar il-fuq u l-partijiet l-oħra mill-proprjeta' tingħata lill-konvenuta. B'dan illi l-parti tal-ġardina li tibqa' tal-konvenuta trid tkun tmiss mar-razzett ħalli jiġi ippreżervat il-valur tal-proprjetajiet.

Illi b'hekk il-Qorti ser tilqa' il-ħames u s-sitt talba kontenuti fir-Rikors Maħluf b'dana illi l-kwoti tal-kull parti hija kif deskritt iktar 'il fuq u l-assi għandhom jinqasmu bil-mod kif indikat minnha.

<u>Is-Seba' (7), it-Tmien (8) u d-Disa' (9) Talba</u>:
Illi f'dawn it-talbiet il-Qorti ġiet mitluba:

- tinnomina perit tekniku għal finijiet ta' likwidazzjoni u tħejjija ta' pjan ta' diviżjoni;

- tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att opportun u kuratur għal eventwali kontumaċi;

- tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' dak li mhux komodament diviżibbli, bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji.

Illi, in vista ta' dak li ġie deċiż iktar 'il fuq, il-Qorti ser tilqa' is-seba', it-tmien u limitatament id-disa' talba tal-atturi b'dana illi tqabbad lill-Perit Mario Cassar sabiex fi żmien tletin (30) jum minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat jipprepara l-pjanti neċessarji kollha sabiex id-deċiżjoni ta' din il-Qorti tiġi mwettqa. Wara dan taħtar lin-Nutar Pubbliku Annmarie Saywell sabiex tippubblika l-atti pubbliċi kollha neċessarji ħalli tkun tista' isseħħ id-diviżjoni bejn l-atturi u l-konvenuta waqt li taħtar lil Avukat Dr. Mark Anthony Mifsud Cutajar sabiex jirrappreżenta kull eventwali kontumaċi.

Illi sussegwentement il-Qorti tordna li l-porzjon allokata lill-atturi minħabba li ma hijiex komodament diviżibbli għandha tinbiegħ permezz ta' liċitazzjoni u dana b'operazzjoni ta' Artikolu 517 tal-Kodiċi Ċivili. B'dana l-barranin iridu jiġu mistiedna biex joffru fil-bejgħ b'liċitazzjoni. Ir-rapport (*a fol.* 799 *et seq.*) hekk kif rivedut mill-Perit Mario Cassar għandu jkun il-bażi għall-bejgħ b'liċitazzjoni tal-proprjeta' allokat lill-atturi permezz ta' din is-sentenza b'dana illi l-proċess tal-bejgħ b'liċitazzjoni jrid jinbeda fi żmien ġimgħatejn minn meta n-Nutar Pubbliku Annmarie Saywell tippubblika u tirreġistra l-atti neċessarji kollha għal qasma tal-wirt bejn l-atturi u l-konvenuta. Magħdud ma' dan, il-Qorti tistabbilixxi li d-dħul mill-imsemmi bejgħ għandu jinqasam bejn l-atturi skont l-ishma rispettivi tagħhom hekk kif indikati iktar 'il fuq f'din is-sentenza.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tinnota li l-ewwel (1) u t-tieni (2) eċċezzjoni hekk kif kontenuti fir-Risposta Maħlufa ppreżentata minn Nazzareno sive Reno Muscat u Anna Muscat diġa

ġew deċiżi b'żewġ sentenzi preliminari (*a fol.* 256 *et seq.* u *a fol.* 419 *et seq.*),

taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tiċħad it-talbiet kollha hekk kif kontenuti fil-Kontro-Talba ppreżentata mill-konjugi Nazzareno sive Reno Muscat u Anna Muscat;

2. Tiċħad l-ewwel (1) u t-tieni (2) eċċezzjoni u Tilqa' it-tielet (3) u r-raba' (4) eċċezzjoni hekk kif kontenuti fir-Risposta Maħlufa tal-atturi għall-Kontro-Talba ppreżentata mill-konjugi Nazzareno sive Reno Muscat u Anna Muscat;

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) eċċezzjoni u Tiċħad ir-raba' (4), il-ħames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) eċċezzjoni hekk kif kontenuti fir-Risposta Maħlufa ppreżentata minn Nazzareno sive Reno Muscat u Anna Muscat;

4. Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi hekk kif kontenuta fir-Rikors Maħluf tagħhom u tillikwida l-assi konjugali ta' Giovanni u Angela miżżewwġin Muscat hekk kif spjegat aktar 'il fuq;

5. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) talba tal-atturi hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tagħhom;

6. Tilqa' il-ħames (5) u s-sitt (6) talba tal-atturi hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tagħhom b'dana illi l-qasma tal-proprjetajiet għandha ssir kif deskritt aktar 'il fuq;

7. Tilqa' is-seba' (7) u t-tmien (8) talba tal-atturi hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tagħhom u Tilqa' limitatament (bil-mod imsemmi aktar 'il fuq) id-disa' (9) talba tal-atturi fl-istess Rikors Maħluf għar-rigward tal-proprjetajiet/ishma allokati lilhom b'dana illi:

   a) Tinnomina lill-Perit Mario Cassar sabiex fi żmien tletin (30) jum minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat

jipprepara l-pjanti neċessarji kollha sabiex dak deċiż minn din il-Qorti b'din is-sentenza jiġi mwettaq;

b) Taħtar lin-Nutar Pubbliku Annmarie Saywell sabiex tippubblika l-atti pubbliċi kollha neċessarji ħalli tkun tista' isseħħ id-diviżjoni bejn l-atturi u l-konvenuta waqt li taħtar lil Avukat Dr. Mark Anthony Mifsud Cutajar sabiex jidher fuq l-atti/i relattiv/i sabiex jirrappreżenta kull eventwali kontumaċi;

c) Tordna li l-porzjon allokata lill-atturi minħabba li ma hijiex komodament diviżibbli għandha tinbiegħ permezz ta' liċitazzjoni u b'operazzjoni ta' Artikolu 517 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dana illi l-barranin iridu jiġu mistiedna biex joffru fil-bejgħ b'liċitazzjoni. Ir-rapport (*a fol.* 799 *et seq.*) rivedut mill-Perit Mario Cassar għandu jkun il-bażi għal bejgħ b'liċitazzjoni tal-proprjeta' allokata lill-atturi permezz ta' din is-sentenza b'dana illi l-proċess tal-bejgħ b'liċitazzjoni jrid jinbeda fi żmien ġimgħatejn minn meta n-Nutar Pubbliku Annmarie Saywell tippubblika u tirreġistra l-atti neċessarji għal qasma tal-wirt bejn l-atturi u l-konvenuta;

d) Tordna illi d-dħul mill-imsemmi bejgħ jinqasam bejn l-atturi skont l-ishma rispettivi tagħhom hekk kif ndikati iktar 'il fuq f'din is-sentenza.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri (inkluż dawk tal-Kontro-Talba) għandhom jitħallsu mill-konvenuta Anna Muscat salv li l-ispejjeż tal-pjanti li għad iridu jiġu ppreparati mill-Perit Mario Cassar u l-ispejjeż ta' l-att/i pubbliku/pubbliċi li jrid/iridu jiġi/u redatt/i u ppubblikat/i min-Nutar Pubbliku Annmarie Saywell għandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenuta (u dana inkluż atti oħra relatati mal-istess att/i pubbliku/pubbliċi) u spejjeż tal-bejgħ b'liċitazzjoni jitħallsu wkoll nofs bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenuta.

Kwalunkwe spejjeż u drittijiet dovuti lill-Perit Mario Cassar, lin-Nutar Pubbliku Annmarie Saywell u lil Avukat Dr. Mark

Anthony Mifsud Cutajar għandhom jitħallsu proviżorjament mill-atturi.

Finalment, il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lil Perit Mario Cassar, lin-Nutar Pubbliku Annmarie Saywell u lil Avukat Dr. Mark Anthony Mifsud Cutajar.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**